

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/536/PESK**tat-12 ta' Settembru 2011****li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Settembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia ⁽¹⁾. Dik l-Azzjoni Konġunta, kif sussegwentement emendata u estiża, skadiet fl-14 ta' Settembru 2010.
- (2) Fit-12 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK ⁽²⁾ li kompliet il-EUMM Georgia għal 12-il xahar ieħor sal-14 ta' Settembru 2011.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2011, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) approva r-rakkomandazzjonijiet dwar ir-rieżami fil-livell strateġiku rigward il-futur tal-EUMM fil-Ġeorġja.
- (4) L-EUMM Georgia għandha tiġi estiża ulterjorment mill-15 ta' Settembru 2011 sal-14 ta' Settembru 2012 fuq il-bażi tal-mandat attwali tagħha.
- (5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUMM Georgia għall-perijodu mill-15 ta' Settembru 2011 sal-14 ta' Settembru 2012.

- (6) Il-missjoni ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif hemm imniżżel fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 14(1), huwa miżjud is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-Missjoni bejn il-15 ta' Settembru 2011 u l-14 ta' Settembru 2012 għandu jkun ta' EUR 23 900 000.”.

2. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Hija għandha tiskadi fl-14 ta' Settembru 2012.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26.⁽²⁾ ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.